

Paġna Ewlenija > ... > Flus/Talbiet Monetarji > Insolvenza/falliment > Czechia

Insolvenza/falliment

 Iċ-Ċekja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

Qafas legali

Il-proċedimenti tal-insolvenza fir-Repubblika Ċeka huma primarjament regolati mill-Att Nru 182/2006 dwar l-insolvenza u l-proċedimenti tal-insolvenza (Zákon ċ. 182/2006 Sb., o úpadku a způsobech jeho řešení) (l-Att dwar l-Insolvenza), flimkien mal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (Zákon ċ. 99/1963 Sb., občanský soudní řád).

Strument importanti ieħor huwa l-Att Nru 312/2006 dwar l-amministraturi tal-insolvenza (Zákon ċ. 312/2006 Sb., o insolvenčních správcích), li (flimkien mal-Att dwar l-Insolvenza) jistabilixxi qafas legali għall-professjoni ta' prattikant fl-insolvenza.

Il-verżjoni attwali ta' dawn id-dispożizzjonijiet tinsab [hawnhekk](#).

1 Kontra min jistgħu jinfetħu proċedimenti ta' insolvenza?

Il-proċedimenti ta' insolvenza jistgħu jinbdeu kontra persuni fiżiċi u ġuridiċi, irrispettivament minn jekk dawn ikunux entitajiet kummerċjali.

It-tipi individwali ta' proċedimenti ta' insolvenza (falliment, riorganizzazzjoni, ħelsien mid-dejn) huma differenti minn xulxin f'termini tal-entitajiet li huma maħsubin għalihom. Filwaqt li tista' tiġi ppreżentata petizzjoni ta' falliment kontra l-entitajiet kollha, ir-riorganizzazzjoni hija mmirata esklussivament lejn in-negozji u l-ħelsien mid-dejn huwa mmirat primarjament lejn entitajiet li mhumiex kummerċjali (kif spjegat hawn taħt).

Il-proċedimenti ta' insolvenza ma jistgħux jinġiebu kontra l-istat, awtoritajiet lokali awtonomi, partiti u movimenti politiċi waqt l-elezzjonijiet u entitajiet magħżulin oħrajn ta' natura predominantement pubblika. Japplikaw regoli speċjali għal istituzzjonijiet finanzjarji u għal kumpaniji tal-assigurazzjoni.

2 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Insolvenza jew insolvenza imminenti

Il-proċedimenti ta' insolvenza huma proċedimenti ġudizzjarji li jindirizzaw l-insolvenza jew l-insolvenza imminenti ta' debitur u kif din għandha tiġi indirizzata. Għalhekk, il-premessa bażika hija l-eżistenza ta' stat ta' insolvenza jew ta' insolvenza imminenti.

Debitur ikun insolventi jekk (*dawn huma kundizzjonijiet kumulattivi*):

- id-debitur ikollu aktar minn kreditur wieħed;
- id-debitur ikollu obbligazzjonijiet pekunarji li jkunu ilhom li skadew aktar minn 30 jum;
- ma jkunx jista' jonora daww l-obbligazzjonijiet.

Id-debituri jiġu kkunsidrati li huma insolventi b'mod partikolari jekk ikunu waqfu jħallsu porzjon sostanzjali mid-djun tagħhom jew jekk jonqsu milli jsaldaw dawn l-obbligazzjonijiet għal aktar minn tliet xhur wara d-data li fiha

jkunu dovuti, jew jekk xi waħda mill-pretensjonijiet monetarji kontra d-debitur ma tkunx tista' tiġi ssodisfata permezz ta' eżekuzzjoni jew permezz ta' qbid.

Debitur li jkun entità kummerċjali (kemm bħala persuna fiżika jew bħala persuna ġuridika) ikun insolventi wkoll jekk ikun midjun iżżejjed. Debituri jkunu midjunin iżżejjed jekk ikollhom aktar minn kreditur wieħed u jekk it-total tal-obbligazzjonijiet tagħhom jaqbeż il-valur tal-assi tagħhom.

Insolvenza imminente tfisser sitwazzjoni fejn, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha, wieħed jista' raġonevolment jassumi li d-debituri mhux se jkunu jistgħu jħallsu parti sostanzjali mill-obbligazzjonijiet pekunarji tagħhom b'mod adegwat u f'waqtu.

Tipi ta' proċedimenti ta' insolvenza

Il-liġi Ċeka tagħmel distinzjoni bejn tliet modi bażiċi biex tittratta l-insolvenza jew l-insolvenza imminente ta' debitur fi proċedimenti ta' insolvenza:

- il-falliment (konkurs);
- ir-riorganizzazzjoni (reorganizace);
- il-ħelsien mid-dejn (odlužení).

L-Att dwar l-Insolvenza ma jiddettax liema mill-metodi differenti ta' insolvenza għandu jintuża minn debitur partikolari, iżda jħalli l-għażla miftuħa. Barra l-proċedura ta' likwidazzjoni (falliment), hemm ukoll element ta' riabilitazzjoni (riorganizzazzjoni u ħelsien mid-dejn). Jenħtieġ li l-għażla ta' metodu adattat li jindirizza l-insolvenza ta' debitur tkun iggwidata minn motivazzjoni li jinkiseb l-aħjar riżultat possibbli għall-kredituri.

Il-falliment huwa mod ġenerali kif tiġi indirizzata l-insolvenza fejn, abbażi ta' ordni ta' falliment, il-maġġoranza tal-pretensjonijiet stabbiliti tal-kredituri titħallas mir-rikavat tal-likwidazzjoni tal-assi. Pretensjonijiet, jew partijiet minn pretensjonijiet, li mhumiex onorati ma jintilfux ħlief jekk il-liġi tistipula mod ieħor. Dan il-metodu ta' insolvenza dejjem jintuża meta jkun impossibbli li jintużaw ir-riorganizzazzjoni jew il-ħelsien mid-dejn bħala proċeduri aktar moderati kontra d-debitur, jew jekk isir ċar fil-kuntest tal-proċedimenti li dawn il-metodi ma jistgħux ikomplu.

Ir-riorganizzazzjoni tista' tintuża biex tittratta l-insolvenza jew l-insolvenza imminente ta' debituri li jkunu entitajiet kummerċjali. Din tinvolvi r-riorganizzazzjoni tan-negozju. Normalment ikun mistenni li l-pretensjonijiet tal-kredituri jiġu ssodisfati b'mod konsistenti waqt li n-negozju tad-debitur jibqa' jopera skont miżuri maħsubin biex jagħtu ħajja ġdida lill-amministrazzjoni tiegħu skont pjan ta' riorganizzazzjoni approvat mill-qorti tal-insolvenza. Il-kredituri jissorveljaw il-progress tal-pjan.

Il-ħelsien mid-dejn huwa mod li jindirizza l-insolvenza jew l-insolvenza imminente għal debituri li jew ikunu persuni fiżiċi (involuti f'negozju jew le) jew ikunu persuni ġuridiċi iżda mhux entitajiet kummerċjali. Dan il-metodu ta' insolvenza jagħti kunsiderazzjoni akbar lill-aspetti soċjali minn dawk ekonomiċi. Il-mira hija li d-debituri jingħataw "bidu ġdid" u li jkunu mmotivati sabiex jieħdu sehem b'mod attiv fit-tifdija tad-dejn tagħhom. Ġeneralment, id-debituri jkunu meħtieġa jkollhom tal-inqas il-kapaċità li jkopru kompletament ir-remunerazzjoni u l-ispejjeż fi flus kontanti tal-prattikant fl-insolvenza, tal-inqas l-istess ammont lil kredituri oħrajn u, barra minn hekk, l-ammont sħiħ ta' kwalunkwe talba għal manteniment u t-tariffa tal-persuna li tkun fasslet ir-rikors għall-ħelsien mid-dejn. Ċerti kategoriji ta' debituri (riċevituri ta' pensjoni tal-irtirar jew tad-diżabilità, jew dak li kapaċi jissodisfaw lill-kredituri sa livell perċentwali stabbilit) jistgħu jingħataw ħelsien mid-dejn fuq perjodu iqsar ta' żmien. Huwa preżunt li l-pretensjonijiet tal-kredituri garantiti jiġu ssodisfati mill-kollateral. L-għan parallel hawnhekk huwa li jitnaqqas l-infiq tal-baġit pubbliku fuq ir-riabilitazzjoni ta' dawk li jsibu rwieħhom fi kriżi soċjali. Il-ħelsien mid-dejn jista' jsir bil-monetizzazzjoni tal-patrimonju tal-insolvenza, jew permezz ta' skedar tal-fidwa flimkien mal-monetizzazzjoni tal-patrimonju tal-insolvenza.

Min jista' jiftaħ proċedimenti ta' insolvenza?

Il-proċedimenti ta' insolvenza jistgħu jinbnew biss ladarba tiġi ppreżentata petizzjoni. Huma jinfetħu fid-data li fiha l-petizzjoni ta' insolvenza tasal f'qorti b'ġurizzazzjoni xierqa fil-każ. Il-petizzjonijiet ta' insolvenza jistgħu jiġu ppreżentati kemm mid-debituri kif ukoll mill-kredituri, ħlief f'każijiet ta' insolvenza imminente, f'liema każ ikunu jistgħu jiġu ppreżentati biss mid-debitur.

Id-debituri li jkunu entitajiet kummerċjali (persuna fiżika jew persuna ġuridika) huma meħtieġa jippreżentaw

petizzjoni ta' insolvenza mingħajr dewmien żejjed wara li jsiru jafu, jew meta, b'attenzjoni xierqa, kellhom isiru jafu, bl-insolvenza tagħhom.

Bidu tal-proċedura ta' falliment

Qorti tal-insolvenza toħroġ ordni ta' falliment bħala deċiżjoni separata. F'każijiet eċċezzjonali, din id-deċiżjoni tista' tiġi kkombinata mad-deċiżjoni dwar l-insolvenza (jekk id-debitur ikun persuna li ma tistax tirrikorri għal riorganizzazzjoni jew għal ħelsien mid-dejn). Dikjarazzjoni ta' falliment tidħol fis-seħħ meta l-ordni tal-falliment tiġi ppubblikata fir-reġistru ta' insolvenza.

Bidu tar-riorganizzazzjoni

Ir-riorganizzazzjoni tibda bil-permess tal-qorti tal-insolvenza, li joħroġ wara r-rikors tad-debitur jew ta' kreditur reġistrat.

Il-permess għar-riorganizzazzjoni jista' jingħata jekk (*dawn mhumiex kundizzjonijiet kumulattivi*):

- il-fatturat annwali totali nett tad-debitur fl-aħħar perjodu kontabilistiku qabel il-petizzjoni tal-insolvenza kien ta' mill-inqas CZK 50 000 000; jew
- id-debitur ikollu mill-inqas 50 impjegat; jew
- flimkien mal-petizzjoni tal-insolvenza, jew mhux aktar tard mid-data meta tittieħed id-deċiżjoni dwar l-insolvenza, id-debitur jippreżenta lill-qorti tal-insolvenza pjan ta' riorganizzazzjoni approvat minn tal-inqas nofs il-kredituri garantiti kollha (ikkalkolat skont l-ammont aggregat tal-pretensjonijiet) u minn tal-inqas nofs il-kredituri ordinarji kollha (ukoll ikkalkolat abbażi tal-ammont tal-pretensjonijiet).

Ir-riorganizzazzjoni mhijiex ammissibbli jekk id-debitur huwa persuna ġuridika f'likwidazzjoni, negozjant ta' titoli jew entità awtorizzata biex tinnegozja f'suq tal-materja prima skont leġislazzjoni speċifika.

Il-qorti tal-insolvenza tippermetti r-riorganizzazzjoni jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet legali korrispondenti. Ma hemm l-ebda dritt ta' appell.

Il-qorti tal-insolvenza tiċħad rikors għal permess ta' riorganizzazzjoni jekk: (a) fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha, jista' raġonevolment jiġi preżunt li teżisti intenzjoni diżonesti; (b) ir-rikors reġa' ġie ppreżentat minn persuna li diġà kellha rikors preċedenti għal permess ta' riorganizzazzjoni li ġie kkunsidrat mill-qorti; jew (c) ir-rikors ġie ppreżentat minn kreditur iżda ma ġiex approvat mil-laqqgħa tal-kredituri. L-appelli kontra dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jittressqu biss minn dawk li ppreżentaw ir-rikors.

Bidu tal-ħelsien mid-dejn

Rikors għal ħelsien mid-dejn jiġi ppreżentat mid-debitur permezz ta' forma prestabbilita u, fejn xieraq, jiġi ppreżentat flimkien ma' petizzjoni tal-insolvenza (jekk il-proċedimenti tal-insolvenza ma jkunux inbdew minn kreditur). Hemm restrizzjonijiet rigward meta rikors għall-ħelsien mid-dejn jista' jiġi ppreżentat f'isem id-debitur minn avukat, nutar, uffiċjal ġudizzjarju, prattikant fl-insolvenza jew persuna akkreditata fl-interess pubbliku. Id-debituri għandhom id-dritt li jippreżentaw ir-rikors huma stess jekk ikunu ggradwati fil-liġi jew fl-ekonomija.

Rikors għall-ħelsien mid-dejn u l-annessi tiegħu jrid ikun fihom, b'mod partikolari, *data* dwar l-introjtu passat u dak mistenni fil-futur tad-debitur, lista tal-assi u dikjarazzjoni ġuramentata li tgħid li, meta kien qed ifassal il-petizzjoni tal-insolvenza, id-debitur kien infurmat dwar l-obbligi tiegħu fil-proċedimenti tal-insolvenza, li fil-ħelsien mid-dejn se jħallas kif xieraq il-pretensjonijiet tal-kredituri, li se jagħmel kull sforz li jista' raġonevolment jiġi mitlub minnu li jissodisfahom bis-sħiħ, li se jirrispetta l-obbligi tiegħu skont l-Att dwar l-Insolvenza u d-deċiżjoni li tapprova l-ħelsien mid-dejn, u li se jiddikjara l-introjtu sħiħ tiegħu.

Il-qorti tal-insolvenza tagħti permess għall-ħelsien mid-dejn jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet. Tiċħad rikors għall-ħelsien mid-dejn jekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha, jista' raġonevolment jiġi preżunt li teżisti intenzjoni diżonesti, jew jekk id-debitur ma jkunx jista' jagħmel il-ħlas lura minimu. Il-ħlas lura minimu jrid ikopri kompletament ir-remunerazzjoni u l-ispejjeż tal-prattikant fl-insolvenza, il-manteniment pendenti u kurrenti, ir-remunerazzjoni tal-persuna li tfassal ir-rikors għall-ħelsien mid-dejn, u ċertu ammont pagabbli lill-kredituri mhux garantiti ordinarji. Il-qorti tal-insolvenza tiċħad ukoll rikors għall-ħelsien mid-dejn jekk ir-riżultati tal-proċedimenti sa dakinhar juru li d-debitur kien imprudenti jew negliġenti fl-issodisfar tal-obbligi fil-proċedimenti tal-insolvenza. Il-qorti tiċħad ukoll rikors jekk id-debitur (a) ikun ingħata ħelsien mid-dejn fl-għaxar snin preċedenti, (b) kellu l-

ħelsien mid-dejn itterminat fil-ħames snin preċedenti minħabba intenzjoni diżonesta, jew (c) ikun temm l-proċedimenti fit-tliet xhur preċedenti billi rtira r-rikors. Ir-rikorsi ma jiġux miċħuda għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq jekk id-debitur ikun daħal fl-obbligu għal raġunijiet ġustifikati jew jekk ikun hemm żbilanċ sinifikanti bejn l-ammont tad-dejn u s-servizz provdut. Id-debitur biss għandu d-dritt ta' appell kontra ċ-ċaħda ta' rikors.

Meta jkollu effett il-bidu tal-proċedimenti ta' insolvenza

Il-bidu tal-proċedimenti ta' insolvenza jkollu effett mal-pubblikazzjoni ta' avviż li jħabbar il-bidu tal-proċedimenti ta' insolvenza fir-reġistru ta' insolvenza (ara hawn taħt). L-effetti tal-bidu jdumu sa tmiem il-proċedimenti ta' insolvenza, sakemm il-liġi ma tistipulax mod ieħor għal xi wieħed mill-metodi ta' insolvenza.

Miżuri interim sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-insolvenza

Il-qorti tal-insolvenza tista' tordna miżuri provviżorji *ex officio* sakemm tieħu deċiżjoni dwar petizzjoni ta' insolvenza, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mil-liġi. Kull min jitlob miżura provviżorja li l-qorti tal-insolvenza tista' b'xi mod ieħor tordna fuq inizzjattiva proprja mhuwiex obligat li jiddepożita garanzija. Meta jressaq talba għal miżura provviżorja, id-debitur ma jkunx meħtieġ jiddepożita garanzija.

Permezz ta' miżuri provviżorji bħal dawn, il-qorti tal-insolvenza tista', fost affarijiet oħrajn:

- taħtar riċevent interim;
- tillimita uħud mill-effetti assoċjati mal-bidu tal-proċedimenti ta' insolvenza;
- tordna lil xi wieħed mill-petizzjonanti tal-insolvenza biex jiddepożita garanzija li tkopri kumpens għad-dannu jew telf ieħor imġarrab mid-debitur.

Reġistru tal-Insolvenzi

Il-proċedimenti tal-insolvenza jiġu ppubblikati fir-reġistru ta' insolvenza ġestit mill-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministerstvo spravedlnosti). Din hija sistema elettronika ta' informazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika li hija aċċessibbli fuq <https://isir.justice.cz>.

Ir-reġistru ta' insolvenza jeżisti primarjament biex ikun hemm pubbliċità massima għall-proċedimenti ta' insolvenza u biex il-progress tagħhom ikun jista' jiġi ssorveljat. Ir-reġistru jintuża biex jiġu ppubblikati d-deċiżjonijiet tal-qorti tal-insolvenza meħudin fi proċedimenti tal-insolvenza u f'tilwim inċidentali, sottomissjonijiet tal-fajl tal-każ, u informazzjoni oħra, fejn dan ikun previst mill-Att dwar l-Insolvenza jew ikun ġie deċiż mill-qorti tal-insolvenza.

Ir-reġistru tal-insolvenza huwa aċċessibbli għall-pubbliku (ħlief għal ċerti dettalji), u kulħadd għandu dritt jara, jagħmel kopji tiegħu, jew jieħu siltiet minnu.

Barra li jservi bħala sors ta' informazzjoni, ir-reġistru tal-insolvenza huwa kruċjali għan-notifika tad-dokumenti - huwa veikolu li bih jitwasslu l-parti l-kbira tad-deċiżjonijiet tal-qorti u dokumenti oħrajn. Il-proċedimenti ta' insolvenza huma ġeneralment innotifikati fir-reġistru tal-insolvenza fi żmien sagħtejn mill-preżentazzjoni ta' petizzjoni (waqt is-siġhat tax-xogħol tal-qorti). Sussegwentement, id-deċiżjonijiet kollha tal-qorti u dokumenti oħrajn jiġu ppubblikati fir-reġistru tal-insolvenza. Dan jagħti lil kulħadd għarfien dwar il-proċedimenti ta' insolvenza li jsiru fir-Repubblika Ċeka.

3 Liema huma l-assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza? Kif jiġu ttrattati l-assi li huma miksuba minn, jew li jiddevolvu lid-debitur wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

Patrimonju tal-insolvenza

Jekk petizzjoni ta' insolvenza tiġi ppreżentata mid-debitur, il-patrimonju tal-insolvenza jkun jinkludi assi li jappartjenu għad-debitur meta jidħlu fis-seħħ l-effetti assoċjati mal-bidu tal-proċedimenti tal-insolvenza, flimkien mal-assi akkwiziżi mid-debitur matul il-proċedimenti tal-insolvenza.

Jekk petizzjoni ta' insolvenza tiġi ppreżentata minn kreditur, il-patrimonju tal-insolvenza jkun jinkludi assi li jappartjenu għad-debitur meta tidħol fis-seħħ ir-restrizzjoni (totali jew parzjali) tal-miżura provviżorja tal-qorti

tal-insolvenza fuq id-dritt tad-debitur għad-disponiment tal-assi, l-assi tad-debitur meta jidħlu fis-seħħ id-deċiżjonijiet dwar l-insolvenza tad-debitur, u l-assi akkwiżiti mid-debitur matul il-proċedimenti tal-insolvenza wara li jkunu daħlu fis-seħħ dawk id-deċiżjonijiet.

Meta l-assi jkunu ta' koproprjetà tad-debitur, sehem id-debitur ta' din il-proprjetà jiġi inkluż fil-patrimonju tal-insolvenza. Dawn l-assi jagħmlu parti mill-patrimonju saħansitra jekk ikunu parti mill-assi matrimonjali konġunti tad-debitur.

L-assi ta' persuni oħra barra d-debitur jiffurmaw parti mill-patrimonju jekk ikun previst hekk mil-liġi, speċjalment fejn ikunu korrispettiv minn atti legali mhux effettivi. Għall-finijiet tar-realizzazzjoni tal-assi, dan il-patrimonju jitqies bħala parti mill-assi tad-debitur.

Sakemm mhux previst mod ieħor mil-liġi, il-patrimonju tal-insolvenza jikkonsisti prinċipalment fi flus, f'beni mobbli u immobbli, f'impjanti u tagħmir, f'libretti, f'ċertifikati ta' depożitu u f'forom oħra ta' depożiti, ta' ishma, ta' kambjali, ta' ċekkijiet jew ta' titoli oħrajn, ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji, ta' pretensjonijiet monetarji u mhux monetarji tad-debitur, inklużi pretensjonijiet kontinġenti u pretensjonijiet li għadhom mhumiex dovuti, il-pagi, is-salarju, il-bonusijiet tax-xogħol u l-introjt tad-debitur minflok ir-remunerazzjoni relatata max-xogħol, drittijiet oħrajn, u assi oħrajn tad-debitur b'valur li jista' jiġi espress f'termini monetarji. Il-patrimonju tal-insolvenza jinkludi wkoll oġġetti bħal imġaħ, qligħ, gwadanji u benefiċċji li jappartjenu għall-assi ta' hawn fuq.

Sakemm mhux previst mod ieħor mil-liġi, l-assi li ma jkunux sekwestrabbli fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni jew ta' qbid ma jkunux parti mill-patrimonju. Din il-kwistjoni hija rregolata mill-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Mill-assi li jkunu l-proprjetà tad-debituri, l-eżekuzzjoni ma tistax tapplika għal dawk li d-debituri jkollhom bżonn b'mod urġenti biex jissodisfaw il-bżonnijiet materjali tagħhom u tal-familja tagħhom jew biex iwettqu kompiti marbutin max-xogħol tagħhom, kif ukoll oġġetti oħrajn li l-bejgħ tagħhom ikun *contra bonos mores* (speċjalment ħwejjeġ ta' kuljum, oġġetti komuni tad-dar, ċrieket taż-żwieġ jew oġġetti simili oħrajn, provvisti mediċi u oġġetti oħrajn meħtieġa mid-debituri minħabba mard jew diżabbiltà fiżika, flus f'ammont ekwivalenti għad-doppju tar-rata ta' sussistenza għal individwi, u annimali domestiċi). Madankollu, oġġetti użati għall-operazzjonijiet kummerċjali tad-debitur mhumiex esklużi mill-patrimonju. Sakemm mhux previst mod ieħor mil-liġi, il-patrimonju ma jinkludix assi li, skont leġiżlazzjoni speċifika, wieħed jista' jiddisponi minnhom biss b'mod speċifikament intenzjonat (eż. għotjiet immirati u għajnuna li tinfeda minn baġits tal-gvern ċentrali jew lokali jew minn fond statali).

It-trattament tal-assi akkwiżiti mid-debitur jew li jmissu lid-debitur wara l-bidu tal-proċedimenti tal-insolvenza

B'mod ġenerali, assi akkwiżiti mid-debitur jew li jmissu lid-debitur wara l-bidu tal-proċedimenti ta' insolvenza huma inklużi fil-patrimonju tal-insolvenza; dan jista' jinbidel, skont il-metodu tal-insolvenza applikat. Id-debituri jistgħu jiddisponu mill-assi tal-patrimonju biss jekk, meta jagħmlu dan, jirrispettaw il-limitazzjonijiet ta' dak l-istadju partikolari tal-proċedimenti tal-insolvenza u l-metodu tal-insolvenza.

4 X'setgħat għandhom id-debitur u l-prattikant tal-insolvenza, rispettivament?

Missjoni u status tal-prattikant fl-insolvenza

Il-missjoni ewlenija tal-prattikant fl-insolvenza hija li jamministra l-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur u li jittratta tilwim inċidentali u tilwimiet oħrajn. Il-prattikant fl-insolvenza għandu l-għan li jikseb l-ogħla sodisfazzjon proporzjonat, rapidu, ekonomiku possibbli għall-kredituri.

Il-prattikanti fl-insolvenza huma marbutin bl-obbligu li jaġixxu b'kuxjenza u bid-diliġenza dovuta. Huma mitlubin jagħmlu kull sforz li jista' jkun raġonevolment mistenni minnhom biex jissodisfaw lill-kredituri kemm jista' jkun. Iridu jagħtu prijorità lill-interess komuni tal-kredituri fuq l-interessi tagħhom stess u fuq dawk ta' oħrajn.

Fil-proċedimenti ta' falliment, il-prattikant fl-insolvenza jassumi awtorizzazzjoni biex jiddisponi mill-patrimonju, jeżerċita d-drittijiet u jirrilaxxa obbligi li jappartjenu għad-debitur fi kwistjonijiet relatati mal-patrimonju. B'mod partikolari, il-prattikant fl-insolvenza jeżerċita d-drittijiet ta' azzjonist konnessi mal-ishma fil-patrimonju tal-insolvenza, jaġixxi fil-kapaċità ta' impjegatur f'relazzjoni mal-impjegati tad-debitur, u huwa responsabbli għall-operazzjoni tan-negożju, għall-kontabbiltà u għall-konformità fiskali tad-debitur. Il-prattikanti fl-insolvenza huma

inkarigati bħala regola mill-monetizzazzjoni tal-patrimonju.

Fi proċedimenti ta' riorganizzazzjoni, il-prattikanti fl-insolvenza primarjament jissorveljaw l-attivitajiet ta' debitur fil-pussess, ikomplu jidentifikaw il-patrimonju u jfasslu inventarju tagħha, jindirizzaw tilwim incidental, jikkompilaw u jżidu mal-lista tal-kredituri, u jirrapportaw lill-kumitat tal-kredituri. Il-prattikanti fl-insolvenza jaġixxu wkoll fil-kapaċità tal-laqqgħa ġenerali tad-debitur jew tal-laqqgħa tal-membri.

Fi proċedimenti ta' ħelsien mid-dejn, il-prattikanti fl-insolvenza jaħdmu flimkien mal-qorti tal-insolvenza u mal-kredituri biex jissorveljaw id-debitur u l-operazzjonijiet tad-debitur, jirrealizzaw l-assi tad-debitur, u jallokaw ħlasijiet mensili skont l-iskeda tal-fidwa fost il-kredituri.

L-istatus tad-debitur

Fi proċedimenti ta' falliment, id-debituri jtilfu l-awtorità li jiddisponu mill-patrimonju tagħhom, li jeżerċitaw drittijiet oħrajn u li jeħilsu minn obbligi li għandhom x'jaqsmu mal-patrimonju. Din l-awtorità tingħadda lill-prattikant fl-insolvenza. Bil-liġi, l-atti legali eżegwiti mid-debituri f'dawn il-kwistjonijiet wara li l-awtorità li wieħed jiddisponi mill-patrimonju tkun għaddiet għand il-prattikant fl-insolvenza mhumiex effettivi fir-rigward tal-kredituri.

Fi proċedimenti ta' riorganizzazzjoni, id-debitur jibqa' fil-pussess tal-patrimonju, soġġett għal restrizzjonijiet. Atti legali ta' rilevanza fundamentali għad-disponiment u l-ġestjoni tal-patrimonju tal-insolvenza huma eżegwiti minn debitur fil-pussess biss, bil-kunsens tal-kumitat tal-kredituri. Debitur li jikser dan l-obbligu huwa responsabbli għal dannu jew għal kwalunkwe telf ieħor ikkawżat minn dan lill-kredituri jew lil partijiet terzi; il-membri tal-korp governattiv tad-debitur jinżammu responsabbli għal tali dannu jew għal telf ieħor b'mod konġunt u *in solidum*. "Atti ġudizzjarji ta' rilevanza fundamentali" huma meqjusa li jfissru azzjonijiet li jbiddu b'mod sinifikanti l-valur tal-patrimonju, il-*locus standi* tal-kredituri, jew il-livell ta' sodisfazzjon tal-kredituri. Il-prattikanti fl-insolvenza jaġixxu fil-kapaċità tal-laqqgħa ġenerali tad-debitur jew tal-laqqgħa tal-membri.

Fi proċedimenti ta' ħelsien mid-dejn, id-debitur jibqa' wkoll fil-pussess tal-patrimonju, soġġett għal restrizzjonijiet. Id-debitur huwa ssorveljat mill-qorti tal-insolvenza, mill-prattikant fl-insolvenza u mill-kredituri.

5 Taħt liema kundizzjonijiet tiġi invokata t-tpaċija?

F'termini ġenerali, it-tpaċija hija rregolata mill-Kodiċi Ċivili. Bħala regola ġenerali, jekk il-partijiet ikollhom l-istess tipi ta' pretensjonijiet kontra xulxin, kwalunkwe parti tista' tinnotifika lill-parti l-oħra li tkun qed tpaċi l-pretensjoni tagħha b'dik tal-kontroparti. It-tpaċija tista' tiġi invokata malli parti jkollha d-dritt kemm li titlob li tiġi ssodisfata pretensjoni kif ukoll li tħallas id-dejn tagħha stess. Tpaċija tikkancelła ż-żewġ pretensjonijiet sal-punt li dawn jikkoinċidu ma' xulxin; jekk dawn ma jkoprux lil xulxin kompletament, it-tpaċija tal-pretensjoni ssir b'mod li jixbah il-każ ta' twettiq tal-impnjen. Dawn l-effetti huma prodotti meta żewġ pretensjonijiet isiru eliġibbli għal tpaċija.

Fi proċedimenti ta' insolvenza, il-pretensjonijiet reċiproċi tad-debitur u tal-kreditur jistgħu jiġu paċuti wara d-deċiżjoni dwar l-insolvenza jekk il-kundizzjonijiet statutorji tat-tpaċija (skont il-Kodiċi Ċivili) jiġu ssodisfati qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar il-metodu ta' insolvenza, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mill-Att dwar l-Insolvenza (eż. estensjoni tat-terminu għall-pretensjonijiet li jirriżultaw mill-kiri ta' proprjetà residenzjali).

It-tpaċija fil-proċedimenti tal-insolvenza mhijiex ammissibbli, b'mod partikolari jekk il-kreditur tad-debitur:

- ma jkunx sar kreditur reġistrat fir-rigward tal-pretensjoni kreditabbli; jew
- kiseb pretensjoni kreditabbli bħala riżultat ta' att legali mhux effettiv; jew
- kien jaf bl-insolvenza tad-debitur fil-mument li ġiet akkwistata l-pretensjoni kreditabbli; jew
- għad irid iħallas il-pretensjoni dovuta tad-debitur sal-punt sa fejn din taqbeż il-pretensjoni kreditabbli tal-kreditur; jew
- f'każijiet stipulati mill-qorti tal-insolvenza u miżura provviżorja tal-qorti tal-insolvenza.

6 X'effett għandhom il-proċedimenti ta' falliment fuq kuntratti kurrenti li d-

debitur huwa parti tagħhom?

Kuntratti ta' eżekuzzjoni reċiproka

Jekk id-debitur, fiż-żmien meta jiġi ddikjarat il-falliment jew meta jingħata permess għar-riorganizzazzjoni jew għall-ħelsien mid-dejn, ikun parti għal kuntratt ta' eżekuzzjoni reċiproka, inkluż prekuntratt, li għad irid jiġi implimentat b'mod sħiħ mid-debitur jew mill-kontroparti fiż-żmien meta jiġi ddikjarat il-falliment, jew meta jingħata permess għar-riorganizzazzjoni jew għall-ħelsien mid-dejn, japplika dan li ġej:

- fil-proċedimenti ta' falliment jew ta' ħelsien mid-dejn, il-prattikanti fl-insolvenza jistgħu jeżegwixxu kuntratt minflok id-debitur u jfittxu t-tweqqiq tal-impenji mill-parti l-oħra għall-kuntratt, jew jistgħu jirrifjutaw l-eżekuzzjoni;
- fi proċedimenti ta' riorganizzazzjoni, debitur fil-pussess jeżerċita l-istess awtorità, soġġett għall-kunsens tal-kumitat tal-kredituri.

Fil-proċedimenti ta' falliment jew ta' ħelsien mid-dejn, prattikant fl-insolvenza li ma jiddikjarax li kuntratt se jiġi implimentat fi żmien 30 jum mill-ordni ta' falliment jew mill-permess għall-ħelsien mid-dejn jitqies li rrifjuta l-eżekuzzjoni; sa dak iż-żmien, il-kontroparti ma tistax tirtira mill-kuntratt, sakemm id-dispożizzjonijiet kuntrattwali ma jippermettux mod ieħor. Fi proċedimenti ta' riorganizzazzjoni, debituri fil-pussess li ma jiddikjarawx li huma jirrifjutaw l-eżekuzzjoni fi żmien 30 jum mill-approvazzjoni tar-riorganizzazzjoni jridu jimplimentaw kuntratt ta' eżekuzzjoni reċiproka.

Kontroparti li tkun meħtieġa li tkun l-ewwel li teżegwixxi tista' ma twettaqx it-tali eżekuzzjoni sakemm tiġi pprovduta jew garantita eżekuzzjoni reċiproka, ħlief meta l-kuntratt ikun konkluż mill-kontroparti wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni dwar l-insolvenza.

Jekk il-prattikant fl-insolvenza jew id-debitur fil-pussess jirrifjuta l-eżekuzzjoni, il-kontroparti tista' titlob kumpens għad-danni li jirriżultaw billi tippreżenta pretensjoni fi żmien 30 jum mir-rifjut ta' eżekuzzjoni. Il-pretensjonijiet tal-kontroparti li jirriżultaw mill-kontinwazzjoni tal-kuntratt wara d-dikjarazzjoni ta' falliment huma pretensjonijiet kontra l-patrimonju tal-insolvenza.

Il-kontroparti ma tistax titlob ir-rimborż ta' eżekuzzjoni parzjali pprovduta qabel id-deċiżjoni dwar l-insolvenza minħabba li l-prestazzjoni ma kinitx reċiprokata mid-debitur.

Kuntratti fissi

Jekk ikun miftiehem li obligazzjoni konsenjabbli bi prezz tas-suq trid tiġi fornita fi żmien preċiż jew f'terminu fiss, u jekk iż-żmien tal-eżekuzzjoni jseħħ jew it-terminu jiskadi biss wara dikjarazzjoni ta' falliment, ma jistax jintalab it-tweqqiq tal-impenn; jista' jintalab kumpens biss għad-dannu kkawżat min-nuqqas ta' tweqqiq tal-impenn min-naħa tad-debitur. "Dannu" tfisser id-differenza bejn il-prezz miftiehem u l-prezz tas-suq imħallas fid-data effettiva tad-dikjarazzjoni ta' falliment fil-post indikat mill-kuntratt bħala l-post tal-eżekuzzjoni. Il-kontroparti tista' titlob id-danni bħala kreditur billi tippreżenta pretensjoni fi żmien 30 jum mid-dikjarazzjoni ta' falliment.

Ftehim ta' self

Jekk id-debitur ikun daħal fi ftehim ta' self, wara d-dikjarazzjoni ta' falliment il-prattikant fl-insolvenza jista' jitlob ir-ritorn tas-self qabel ma jiskadi l-perjodu kuntrattwali tas-self.

Lokazzjoni, sullokazzjoni

Hemm dispożizzjonijiet dettaljati dwar kuntratti ta' lokazzjoni u ta' sullokazzjoni. Fost affarijiet oħrajn, wara d-dikjarazzjoni tal-falliment il-prattikant fl-insolvenza huwa intitolat li jtemm kuntratti ta' lokazzjoni jew ta' sullokazzjoni konklużi mid-debitur fi żmien stipulat mil-liġi jew mill-kuntratt, anki jekk jiġu konklużi għal perjodu fiss; il-perjodu ta' notifika ma jistax ikun itwal minn tliet xhur. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili dwar meta u taħt liema kundizzjonijiet il-lokatur jista' jtemm il-lokazzjoni.

Abbozzi ta' kuntratti tad-debitur li għad iridu jiġu aċċettati mill-kontroparti meta jiġi ddikjarat falliment

Meta jiġi ddikjarat falliment, rikorsi mid-debitur biex jiġu konklużi kuntratti li għad iridu jiġu aċċettati u kwalunkwe abbozz ta' kuntratt li kien ġie aċċettat mid-debitur, iżda għad irid jiġi konkluż, jiġi nulli, fejn dawn

jinvolve l-patrimonju insolventi. Abbozzi ta' kuntratti li jkunu għadhom ma' ġewx aċċettati mid-debitur meta jiġi ddikjarat il-falliment jistgħu jiġu aċċettati biss mill-prattikant fl-insolvenza.

Riżerva ta' titolu

Jekk id-debitur ikun biegħ oġġett b'riżerva ta' titolu u jkun fornied lix-xerrej qabel ma jiġi ddikjarat il-falliment, ix-xerrej jista' jirritorna l-oġġett jew inkella jinsisti li jipproċedi bil-kuntratt. Jekk, qabel ma jiġi ddikjarat il-falliment, id-debitur jixtri u jirċievi oġġett b'riżerva ta' titolu, il-bejgieh ma jistax jitlob ir-ritorn tal-oġġett dment li l-prattikant fl-insolvenza jissodisfa l-obbligi skont il-kuntratt mingħajr dewmien żejjed wara li jkun ġie mistieden jagħmel dan mill-bejgieh.

7 X'effetti għandhom il-proċedimenti ta' insolvenza fuq il-proċedimenti miġjuba minn kredituri individwali (bl-eċċezzjoni ta' kawżi pendenti)?

Il-ftuħ ta' proċedimenti ta' falliment għandu l-effetti li ġejjin:

- pretensjonijiet u drittijiet oħrajn relatati mal-patrimonju ma jistgħux jiġu invokati b'rikors jekk jistgħu jiġu invokati b'reġistrazzjoni;
- id-dritt għal sodisfazzjon minn kollateral relatat ma' assi fil-pussess tad-debitur jew ma' assi li jappartjenu għall-patrimonju insolventi jista' jiġi eżerċitat u akkwistat mill-ġdid biss fil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Att dwar l-Insolvenza. Dan japplika wkoll għall-istabbiliment ta' rahan ġudizzjarju jew ta' qbid fuq il-proprietà immobbli propost wara l-bidu tal-proċedimenti ta' insolvenza;
- eżekuzzjoni jew qbid li jaffettwa assi li huma proprjetà tad-debitur, kif ukoll assi oħra li jappartjenu għall-patrimonju, jista' jiġi ordnat jew jinbeda, iżda ma jistax jiġi implimentat. Madankollu, għal pretensjonijiet kontra l-patrimonju u għal pretensjonijiet ta' status ekwivalenti, l-eżekuzzjoni jew il-qbid li jaffettwa l-assi li jappartjenu għall-patrimonju tad-debitur jistgħu jiġu implimentati fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-qorti tal-insolvenza, soġġett għar-restrizzjonijiet stabbiliti minn dik id-deċiżjoni;
- mhuwiex possibbli li jiġi eżerċitat dritt, stabbilit bi ftehim bejn il-kreditur u d-debitur, dwar sekwestru fir-rigward ta' pagi jew ta' introjtu ieħor ittrattat bħala pagi jew introjtu fl-eżekuzzjoni ta' sentenza.

8 X'inhum l-effetti ta' proċediment ta' insolvenza fuq il-kontinwazzjoni ta' kawżi pendenti fil-mument tal-ftuħ ta' proċediment ta' insolvenza?

Deċiżjonijiet dwar l-insolvenza joħolqu moratorju fil-proċedimenti ġudizzjarji u ta' arbitraġġ li jikkonċernaw pretensjonijiet u drittijiet oħra relatati mal-patrimonju li għandhom jiġu invokati bir-reġistrazzjoni fi proċedimenti ta' insolvenza, jew li huma meqjusa bħala reġistrati fi proċedimenti ta' insolvenza, jew li jikkonċernaw pretensjonijiet mhux issodisfati fil-proċedimenti ta' insolvenza. Sakemm mhux previst mod ieħor, huwa impossibbli li dawn il-proċedimenti jtkomplew waqt li tkun għadha fis-seħħ deċiżjoni dwar l-insolvenza.

9 Liema huma l-karatteristiċi ewlenin tal-parteċipazzjoni tal-kredituri fil-proċedimenti ta' insolvenza?

Prinċipji assoċjati mal-parteċipazzjoni tal-kredituri

Il-proċedimenti ta' insolvenza huma bbażati, fost affarijiet oħrajn, fuq il-prinċipji li ġejjin li jaffettwaw il-parteċipazzjoni tal-kredituri:

- il-proċedimenti ta' insolvenza jridu jitwettqu b'tali mod li l-ebda parti ma ġġarrab danni inġustament jew tikseb vantaġġ irregolari, u li jinkiseb l-oġġetiv sodisfazzjon rapidu u ekonomiku possibbli għall-kredituri;
- kredituri li, skont il-liġi, għandhom essenzjalment l-istess status jew status simili għandhom opportunitajiet indaqs fil-proċedimenti ta' insolvenza;
- sakemm mhux previst mod ieħor mil-liġi, id-drittijiet ta' kreditur li jkunu ġew akkwistati *bona fide* qabel il-bidu tal-proċedimenti ta' insolvenza ma jistgħux jiġu ristretti minn sentenza tal-qorti tal-insolvenza jew bħala riżultat tal-proċedura segwita mill-prattikant fl-insolvenza;
- il-kredituri huma obbligati li jżommu lura minn atti mmirati biex jissodisfaw il-pretensjonijiet tagħhom barra mill-proċedimenti ta' insolvenza, sakemm dan ma jkunx permess mil-liġi.

Il-korpi ta' kredituri

Il-korpi ta' kredituri huma:

- il-laqqgħa tal-kredituri;
- il-kumitat tal-kredituri (jew ir-rappreżentant tal-kredituri).

Il-laqqgħa tal-kredituri hija responsabbli għall-elezzjoni u għat-tneħħija tal-membri u ta' membri alternattivi tal-kumitat tal-kredituri (jew ta' rappreżentant tal-kredituri). Il-laqqgħa tal-kredituri tista' tirriżerva għall-kompetenza tagħha kwalunkwe ħaġa li taqa' taħt il-kompetenza tal-korpi ta' kredituri. Jekk ma jinħatar l-ebda kumitat tal-kredituri jew rappreżentant tal-kredituri, il-laqqgħa tal-kredituri taġixxi f'dik il-kapaċità minflokhom, sakemm mhux previst mod ieħor mil-liġi.

Jekk ikunu rreġistrati aktar minn 50 kreditur, il-laqqgħa tal-kredituri trid tistabbilixxi kumitat tal-kredituri. Jekk ma tkunx obligata tagħmel dan, rappreżentant tal-kredituri jista' jieħu post il-kumitat.

Il-kumitat tal-kredituri jeżerċita l-poteri tal-korpi tal-kredituri, ħlief fi kwistjonijiet li jkunu fi ħdan il-mandat tal-laqqgħa tal-kredituri jew li ġew irriżervati mil-laqqgħa tal-kredituri għall-kompetenza tagħha stess. B'mod partikolari, il-kumitat tal-kredituri jissorvelja l-attivitajiet tal-prattikant fl-insolvenza u huwa intitolat li jippreżenta proposti lill-qorti tal-insolvenza rigward il-proċedimenti ta' insolvenza. Il-kumitat tal-kredituri jġares l-interess komuni tal-kredituri u, f'kooperazzjoni mal-prattikant fl-insolvenza, jgħin biex jintlaħaq l-għan tal-proċedimenti ta' insolvenza. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kumitati tal-kredituri japplikaw *mutatis mutandis* għar-rappreżentanti tal-kredituri.

Kategoriji ta' kredituri

Il-liġi tagħmel distinzjoni bejn kredituri garantiti u ordinarji.

Kreditur garantit huwa kreditur bi pretensjoni li hija garantita minn assi li jappartjenu għall-patrimonju fil-forma ta' rahan, ta' dritt ta' ritenzjoni, ta' restrizzjoni tat-trasferiment ta' titlu, ta' trasferiment fiduċjarju ta' dritt, ta' ċessjoni ta' pretensjoni għall-kollateral, jew ta' dritt simili skont liġi barranija.

Kredituri garantiti huma f'pożizzjoni ta' influwenza sinifikanti matul il-proċedimenti ta' insolvenza. Fejn id-debitur ikun entità kummerċjali li tista' tiġi riorganizzata skont l-Att dwar l-Insolvenza, l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar il-metodu tal-insolvenza (falliment jew riorganizzazzjoni) tirrekjedi l-voti ta' mill-inqas nofs il-kredituri garantiti kollha (u, bl-istess mod, ta' dawk ordinarji) preżenti fil-laqqgħa tal-kredituri, imkejlin skont l-ammonti tal-pretensjonijiet tagħhom, ħlief jekk mill-inqas 90 % tal-kredituri preżenti, ikkalkolati skont l-ammont tal-pretensjonijiet tagħhom, jivvotaw għar-riżoluzzjoni. Kreditur garantit jista' wkoll jagħti istruzzjonijiet lil persuna fil-pussess dwar kif għandha tamministra l-garanzija li torbot lil dik il-persuna, dment li dawn l-istruzzjonijiet huma mmirati lejn governanza tajba. Il-prattikant fl-insolvenza huwa marbut ukoll bi struzzjonijiet minn kredituri garantiti mmirati lejn il-monetizzazzjoni tal-garanzija. Il-prattikanti fl-insolvenza jistgħu jirrifjutaw dawn l-istruzzjonijiet jekk huma jemmnu li s-suġġett tal-garanzija jista' jiġi monetizzat b'mod aktar favorevoli, f'liema każ huma jagħmlu petizzjoni quddiem il-qorti tal-insolvenza biex tirveddi l-istruzzjonijiet fil-kuntest tal-attività superviżorja tagħha. Il-monetizzazzjoni ta' oġġett, ta' dritt, ta' pretensjoni jew ta' assi oħra fil-proċedimenti ta' insolvenza ttemm il-garanzija tal-pretensjoni tal-kreditur garantit, anki jekk dak il-kreditur ma rreġistrax il-pretensjoni.

Il-pretensjonijiet tal-kredituri garantiti huma fil-prinċipju ssodisfati mill-ammont sħiħ tar-rikavati mill-monetizzazzjoni, wara li jitnaqqsu t-tariffa tal-prattikant fl-insolvenza u l-ispejjeż tal-ġestjoni u tal-monetizzazzjoni, fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti, filwaqt li jitqies iż-żmien meta nbdiel il-garanzija. Kwalunkwe porzjon tal-pretensjonijiet tal-kredituri garantiti li jiġihalla mhux issodisfat ma jiskadix, iżda jiġi ssodisfat fuq bażi prorata flimkien mal-pretensjonijiet tal-kredituri mhux garantiti.

Il-kredituri l-oħrajn kollha huma ordinarji. L-istatus tagħhom fil-proċedimenti ta' insolvenza huwa aktar dgħajfef u l-livell proġettat li fih jiġu ssodisfati l-pretensjonijiet tagħhom, skont l-istatistika, normalment ikun ħafna aktar baxx.

10 B'liema mod jista' l-prattikant tal-insolvenza juża jew jiddisponi minn assi tal-patrimonju?

Il-prattikanti fl-insolvenza jistgħu jużaw l-assi tal-patrimonju fil-proċedimenti ta' falliment. Il-prattikant fl-insolvenza jassumi awtorizzazzjoni li jiddisponi mill-patrimonju, li jeżerċita drittijiet u li jirrilaxxa obbligi li jappartjenu lid-debitur fi kwistjonijiet relatati mal-patrimonju. B'mod partikolari, il-prattikant fl-insolvenza jeżerċita d-drittijiet tal-azzjonisti marbuta mal-ishma fil-patrimonju tal-insolvenza, jieħu deċiżjonijiet dwar sigrieti kummerċjali u oqsma oħra ta' kunfidenzjalità, jaġixxi fil-kapaċità ta' impjegatur fir-rigward tal-impjegati tad-debitur, u jkun responsabbli għall-operat tan-negozju, għall-kontabbiltà u għall-konformità fiskali tad-debitur. Il-prattikanti fl-insolvenza huma inkarigati bħala regola mill-monetizzazzjoni tal-patrimonju.

Fil-proċedimenti ta' riorganizzazzjoni u ta' ħelsien mid-dejn, id-debitur jibqa' jżomm dawn id-drittijiet, soġġett għal restrizzjonijiet sinifikanti.

11 Liema talbiet għandhom jiġu ppreżentati kontra l-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur u kif għandhom jiġu ttrattati t-talbiet li jsiru wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

Pretensjonijiet kontra l-patrimonju u pretensjonijiet ekwivalenti jistgħu jitħallsu kollha fi kwalunkwe żmien wara li tittieħed id-deċiżjoni dwar l-insolvenza.

Issir distinzjoni bejn dawn li ġejjin:

- pretensjonijiet kontra l-patrimonju li joriġinaw wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza jew wara d-dikjarazzjoni ta' moratorju (b'mod partikolari r-rimborż ta' spejjeż ta' flus u t-tariffa tal-fiduċjarju interim, il-likwidatur tad-debitur u l-membri tal-kumitat tal-kredituri, u l-pretensjonijiet tal-kredituri li jirriżultaw mill-finanzjament tal-kreditu);
- pretensjonijiet kontra l-patrimonju li joriġinaw wara d-deċiżjoni dwar l-insolvenza (b'mod partikolari l-ispejjeż fi flus u t-tariffa tal-prattikant fl-insolvenza, it-taxxi, l-imposti, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, il-kontribuzzjonijiet tal-politika dwar l-impjegi tal-istat u l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika);
- pretensjonijiet ekwivalenti għall-pretensjonijiet kontra l-patrimonju (b'mod partikolari l-pretensjonijiet tal-liġi dwar ix-xogħol tal-impjegati tad-debitur, u pretensjonijiet tal-kredituri għall-manteniment statutorju).

12 Liema huma r-regoli li jirregolaw il-preżentata, il-verifika u l-ammissjoni tat-talbiet?

Il-preżentata ta' pretensjonijiet

Il-kredituri jippreżentaw il-pretensjonijiet tagħhom quddiem il-qorti tal-insolvenza permezz ta' formola prestabbilita, u jistgħu jagħmlu dan mill-ftuħ tal-proċedimenti tal-insolvenza sal-iskadenza tat-terminu stabbilita fid-deċiżjoni dwar l-insolvenza, li hija identika għat-tipi kollha ta' proċedimenti: xahrejn. Pretensjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza ma jiġux ikkunsidrati mill-qorti tal-insolvenza, u ma jiġux saldati fil-proċedimenti ta' insolvenza. Pretensjonijiet li jkunu diġà tqajmu fil-qorti, u pretensjonijiet eżegwibbli, inklużi dawk li jkunu qed jiġu rkuprati b'eżekuzzjoni jew bi qbid, jiġu ppreżentati wkoll. Kreditur li jippreżenta pretensjonijiet jew li huwa kkunsidrat bħala kreditur reġistrat jista' jirtira l-pretensjoni fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti ta' insolvenza.

Rikors biex tiġi ppreżentata pretensjoni jrid jispjega kif orġinat il-pretensjoni u kemm hu l-ammont. Pretensjoni dejjem trid tiġi kkwantifikata f'termini monetarji, anki jekk tkun assi mhux monetarju. Kull dokument li jirreferi għalih ir-rikors għall-pretensjoni jrid ikun meħmuż mar-rikors. L-eżegwibbiltà ta' pretensjoni trid tintwera bil-provi permezz ta' strument awtentiku.

Għall-għanijiet tal-perjodu ta' limitazzjoni jew it-terminu sal-iskadenza tad-drittijiet, rikors biex tiġi ppreżentata pretensjoni għandu l-istess effetti bħal rikors jew invokazzjoni oħra ta' dritt quddiem qorti; dan il-perjodu jibda fid-data meta tiġi ppreżentat ir-rikors lill-qorti tal-insolvenza.

Il-kreditur huwa responsabbli għall-akkuratezza tal-informazzjoni f'rikors biex tiġi ppreżentata pretensjoni. Il-qorti tal-insolvenza, filwaqt li taġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-prattikant fl-insolvenza, tista' timponi penali jekk l-ammont ta' pretensjoni jiġi eżaġerat (b'aktar minn 100 %), billi tordna l-ħlas ta' ammont lill-patrimonju li jiġi stabbilit fir-rigward taċ-ċirkostanzi kollha relatati mal-preżentata tal-pretensjoni u eżami mill-ġdid tal-pretensjoni stess, sal-ammont li bih is-somma li għaliha ġiet ippreżentata l-pretensjoni qabżet il-valur attwali aċċertat.

Id-dritt ta' kreditur li l-pretensjoni tiegħu tiġi ssodisfata mill-garanzija ma jiġix ikkunsidrat jekk din tiġi ppreżentata f'ordni differenti minn kif suppost, jew jekk, meta jsir eżami mill-ġdid tagħha, jinstab li l-livell li bih kienet assigurata għe eżaġerat b'aktar minn 100 %. F'dan il-każ, il-kreditur jista' jiġi ppenalizzat mill-qorti tal-insolvenza billi jiġi ordnat iħallas ammont (monetarju) favur il-kredituri garantiti li ppreżentaw pretensjonijiet b'garanzija li jappartjenu għall-istess assi. L-ammont ta' dak il-ħlas huwa stabbilit mill-qorti tal-insolvenza fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li fihom għe eżerċitat u eżaminat mill-ġdid id-dritt li l-pretensjoni tiġi ssodisfata mill-garanzija, sal-ammont li bih il-valur tal-garanzija indikat fir-rikors qabeż il-valur aċċertat tal-garanzija.

Verifika tal-pretensjonijiet reġistrati

Il-pretensjonijiet ippreżentati l-ewwel jiġu eżaminati mill-ġdid mill-prattikant fl-insolvenza, li prinċipalment jikkontroverifikahom mad-dokumenti li jakkumpanjawhom u mal-kontijiet jew mar-rekords tad-debitur miżmumin skont leġislazzjoni speċifika. Imbagħad il-prattikant fl-insolvenza jistieden lid-debitur jikkummenta dwar il-pretensjonijiet. Fejn xieraq, il-prattikant fl-insolvenza iwettaq l-investigazzjoni meħtieġa dwar il-pretensjonijiet, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet, li huma obbligati li jipprovdu tali kooperazzjoni.

Jekk pretensjoni ppreżentata tkun difettuża jew inkompluta, il-prattikant fl-insolvenza jistieden lill-kreditur jikkoreġiha jew ilestiha kollha fi żmien 15-il ġurnata (jista' jiġi stabbilit terminu itwal), u jagħti parir dwar kif għandu jsir dan. Il-pretensjonijiet li ma jkunux issupplementati jew ikkoreġuti kif xieraq u saż-żmien dovut jiġu ppreżentati mill-prattikant fl-insolvenza lill-qorti tal-insolvenza għal deċiżjoni li tiddetermina jekk ir-rikors għandux jiġi kkunsidrat jew le. Il-kreditur jeħtieġu li jiġi informat dwar dan.

Il-prattikant fl-insolvenza jfassal lista tal-pretensjonijiet ippreżentati. Il-kredituri garantiti jkunu f'lista separata. Jekk il-pretensjonijiet jiġu miċħuda mill-prattikant fl-insolvenza, dan irid jiġi ddikjarat b'mod espliċitu. Għall-kredituri kollha, trid tiġi indikata l-informazzjoni kollha meħtieġa biex huma jkunu identifikati u biex jiġi vvalutat kif orġinat il-pretensjoni u l-ammont u l-gradazzjoni tagħha. Barra minn hekk, il-kredituri garantiti jeħtieġilhom jiddikjaraw ir-raġuni għall-garanzija u l-metodu tal-garanzija.

Il-lista tal-pretensjonijiet ippreżentati tiġi ppubblikata mill-qorti tal-insolvenza fir-reġistru tal-insolvenza qabel ma ssir is-seduta ta' verifika. Il-qorti tal-insolvenza tippubblika minnufih ukoll kwalunkwe bidla fil-lista tal-pretensjonijiet ippreżentati fir-reġistru tal-insolvenza.

Il-pretensjonijiet ippreżentati mbagħad jiġu vverifikati waqt seduta ta' verifika ordnata mill-qorti tal-insolvenza. Id-data u l-post tas-seduta jiġu stabbiliti mill-qorti tal-insolvenza fid-deċiżjoni tagħha dwar l-insolvenza. Il-kredituri jkollhom sa tmien is-seduta ta' verifika biex ibiddu l-ammont tal-pretensjoni li jkunu qed jippreżentaw, sakemm din ma tkunx garantita. Madankollu, ma jstgħux ibiddu r-raġuni għaliex seħħet il-pretensjoni ppreżentata jew il-gradazzjoni tagħha.

Ċaħda ta' pretensjonijiet

L-awtentiċità, l-ammont u l-gradazzjoni tal-pretensjonijiet kollha li jitressqu jstgħu jiġu miċħuda minn: (a) il-prattikant fl-insolvenza; (b) id-debitur; jew (c) kreditur reġistrat.

Iċ-ċaħda ta' pretensjoni ta' kreditur minn kreditur reġistrat ieħor irid ikollha l-istess dettalji bħal rikors skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u trid tagħmilha ċara jekk hijiex l-awtentiċità, l-ammont jew il-gradazzjoni tal-pretensjoni li qed tiġi miċħuda. Ċaħda tiġi nnotifikata f'formola prestabbilita.

L-Att dwar l-Insolvenza jirrikonoxxi t-tipi ta' ċaħda li ġejjin:

- ċaħda tal-awtentiċità ta' pretensjoni - ikun argumentat li l-pretensjoni qatt ma orġinat jew li tkun intemmet kompletament jew ġiet kompletament preskritta;
- ċaħda tal-ammont tal-pretensjoni - ikun argumentat li l-obbligazzjoni tad-debitur hija inqas mill-ammont reġistrat (il-persuna li tiċħad l-ammont tal-pretensjoni jeħtieġilha tiddikjara wkoll l-ammont attwali tal-

pretensjoni);

- ċaħda tal-gradazzjoni tal-pretensjoni – ikun argumentat li l-pretensjoni għandha gradazzjoni inqas favorevoli minn dik indikata fil-pretensjoni ppreżentata, jew li d-dritt li l-pretensjoni tiġi ssodisfata mill-garanzija huwa miċħud (il-persuna li tiċħad il-gradazzjoni tal-pretensjoni jeħtiġilha tispeċifika wkoll il-gradazzjoni li fiha għandha tiġi sodisfatta l-pretensjoni).

Jekk kreditur reġistrat jiċħad il-pretensjoni ta' kreditur reġistrat ieħor, dawn il-kredituri jsiru partijiet għal tilwima aċċillari. Il-prattikanti fl-insolvenza li jixtiequ jassistu lil parti f'tilwima aċċillari li ma jkunux qed jipparteċipaw fiha għandhom id-dritt li jintervjenu.

Id-deċiżjonijiet dwar l-awtentiċità, l-ammont u l-gradazzjoni ta' pretensjonijiet miċħuda jittieħdu mill-qorti tal-insolvenza.

13 Liema huma r-regoli li jirregolaw it-tqassim tal-assi wara tmiem il-proċedimenti? Kif jiġu kklassifikati t-talbiet u d-drittijiet tal-kredituri?

Il-patrimonju tal-insolvenza jiġi mmonetizzat fi proċedimenti ta' falliment. Dan ifisser li l-assi kollha li jappartjenu għall-patrimonju jiġu kkonvertiti fi flus għas-sodisfazzjon proporzjonali tal-kredituri. Il-patrimonju jiġi mmonetizzat mill-prattikant fl-insolvenza. Dan il-pass jista' jittieħed biss wara li tiġi ffinalizzata l-ordni tal-falliment u wara li tkun saret l-ewwel laqgħa tal-kredituri. Assi f'riskju imminenti li jsiru irrekuperabbli jew li jitħassru huma eżenti; l-eżenzjoni għal raġunijiet oħrajn tista' tiġi permessa wkoll mill-qorti tal-insolvenza. Il-monetizzazzjoni tal-patrimonju ttemm l-effetti kollha ta' ordni ta' eżekuzzjoni jew ta' qbid u difetti oħrajn marbutin mar-realizzazzjoni tal-assi, sakemm mhux previst mod ieħor mil-liġi.

Il-patrimonju tal-insolvenza jista' jiġi mmonetizzat permezz ta':

- rkant pubbliku;
- il-bejgħ ta' proprjetà mobbli u immobbli skont id-dispożizzjonijiet ta' eżekuzzjoni tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;
- il-bejgħ ta' assi barra minn irkant.
- irkant li jsir mill-uffiċjal ġudizzjarju.

Jekk ir-rikavati mill-monetizzazzjoni tal-patrimonju ma jkunux biżżejjed biex jitħallsu l-pretensjonijiet kollha, l-ewwel jiġu saldati t-tariffa tal-prattikant fl-insolvenza u l-ispejjeż fi flus, segwiti mil-pretensjonijiet tal-kredituri li joriġinaw waqt il-moratorju, il-pretensjonijiet tal-kredituri minn finanzjament ta' kreditu, imbagħad l-ispejjeż (prorata) assoċjati mal-manutenzjoni u l-amministrazzjoni tal-patrimonju u l-pretensjonijiet tal-liġi tax-xogħol tal-impjegati tad-debitur, imbagħad il-pretensjonijiet tal-kredituri għall-manteniment u finalment il-pretensjonijiet għall-kumpens għall-ħsara lis-saħħa. Pretensjonijiet oħrajn jiġu ssodisfati proporzjonalment.

Wara li d-deċiżjoni li tapprova l-aħħar rapport issir finali, il-prattikant fl-insolvenza jippreżenta abbozz ta' ordni dwar id-distribuzzjoni tal-patrimonju lill-qorti tal-insolvenza, li fiha jiddikjara kemm għandu jitħallas għal kull pretensjoni fil-lista riveduta tal-pretensjonijiet reġistrati. Fuq dik il-bażi, il-qorti tal-insolvenza toħroġ ordni dwar id-distribuzzjoni tal-patrimonju, li fiha tiddetermina l-ammonti li għandhom jitħallsu lill-kredituri. Il-kredituri kollha inklużi fl-iskeda tad-distribuzzjoni jiġu ssodisfati b'mod proporzjonat għall-ammont aċċertat tal-pretensjoni tagħhom. Qabel id-distribuzzjoni, jiġu ssodisfati pretensjonijiet li jkunu għadhom ma tħallsux li jistgħu jiġu ssodisfati fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti ta' falliment, b'mod speċifiku:

- pretensjonijiet kontra l-patrimonju – l-ispejjeż fi flus u t-tariffa tal-prattikant fl-insolvenza, il-kostijiet assoċjati mal-manutenzjoni u l-amministrazzjoni tal-patrimonju tad-debitur, it-taxxi, l-imposti, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, il-kontribuzzjoni tal-politika dwar l-impjegi tal-istat, il-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika, eċċ.;
- pretensjonijiet ekwivalenti – il-pretensjonijiet tal-liġi dwar ix-xogħol tal-impjegati tad-debitur, il-pretensjonijiet tal-kredituri għal kumpens għal ħsara lis-saħħa, il-pretensjonijiet tal-gvern, eċċ.;
- pretensjonijiet garantiti.

14 Liema huma l-kundizzjonijiet għal, u l-effetti tal-għeluq ta' proċedimenti

ta' insolvenza (b'mod partikolari b'miżura komposta)?

Għeluq tal-proċedimenti ta' falliment

Ladarba l-patrimonju jkun ġie mmonetizzat, il-prattikant fl-insolvenza jippreżenta rapport finali lill-qorti tal-insolvenza. Ir-rapport finali jrid jiddeskrivi l-karatteristiċi globali tal-attivitàjiet tal-prattikant fl-insolvenza, u jinkludi kwantifikazzjoni tar-riżultati finanzjarji tiegħu. Ir-rapport irid jikkwantifika l-ammont li għandu jiġi ddistribwit fost il-kredituri u jsemmi lil dawk il-kredituri, filwaqt li jindika l-ammont tas-sehem tagħhom mill-ammont totali. Flimkien mar-rapport finali, il-prattikant fl-insolvenza jippreżenta dikjarazzjoni tat-tariffa u tal-ispejjeż lill-qorti tal-insolvenza.

Il-qorti tal-insolvenza teżamina mill-ġdid ir-rapport finali u l-fattura tal-prattikant fl-insolvenza, u wara seduta mal-prattikant fl-insolvenza, tikkoreġi kwalunkwe żball jew omissjoni li jkun fih. Il-qorti tal-insolvenza tinnotifika r-rapport finali rivedut tal-prattikant fl-insolvenza lill-partijiet billi tippubblikah fil-forma ta' avviż pubbliku. Wara li d-deċiżjoni li tapprova l-aħħar rapport issir finali, il-prattikant fl-insolvenza jippreżenta abbozz ta' ordni dwar id-distribuzzjoni tal-patrimonju lill-qorti tal-insolvenza, li fiha jiddikjara kemm għandu jitħallas għal kull pretensjoni fil-lista riveduta tal-pretensjonijiet reġistrati. Imbagħad il-qorti tal-insolvenza toħroġ ordni dwar id-distribuzzjoni tal-patrimonju, li fiha tistabbilixxi l-ammonti li għandhom jitħallsu lill-kredituri. Il-kredituri kollha inklużi fl-iskeda tad-distribuzzjoni jiġu ssodisfati b'mod proporzjonat għall-ammont aċċertat tal-pretensjoni tagħhom. Fl-ordni tad-distribuzzjoni, il-qorti tal-insolvenza tistipula skadenza għall-eżekuzzjoni għall-prattikant fl-insolvenza, li ma tistax tkun itwal minn xahrejn mid-data li fiha l-ordni ta' distribuzzjoni tingħata forza legali.

Il-proċedimenti ta' falliment jintemmu meta jinħareġ ir-rapport tal-prattikant fl-insolvenza dwar l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' distribuzzjoni u tittieħed id-deċiżjoni tal-qorti tal-insolvenza li tagħlaq il-proċedimenti. Il-qorti tiddeċiedi wkoll li tagħlaq il-proċedimenti ta' falliment f'ċerti sitwazzjonijiet oħrajn stipulati mil-liġi, eż. jekk jinstab li huwa ċar li l-assi tad-debitur ikunu inadegwati biex jissodisfaw il-kredituri. Meta d-deċiżjoni li jintemmu l-proċedimenti ta' falliment issir finali, il-proċedimenti ta' insolvenza jingħalqu.

Għeluq tar-riorganizzazzjoni

Ir-riorganizzazzjoni tintemm mad-deċiżjoni tal-qorti tal-insolvenza li tirrikonoxxi l-eżekuzzjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni jew ta' partijiet sostanzjali minnu. M'hemm l-ebda dritt għal appell kontra dik id-deċiżjoni.

Ir-riorganizzazzjoni tista' tintemm ukoll b'deċiżjoni tal-qorti tal-insolvenza li tikkonverti r-riorganizzazzjoni f'falliment, li jseħħ f'każijiet stipulati mil-liġi, b'mod partikolari meta jkun hemm problemi fl-approvazzjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni u fiż-żamma ta' konformità miegħu. Il-qorti tal-insolvenza ma tistax tiegħu deċiżjoni li tikkonverti riorganizzazzjoni f'falliment jekk ikunu twettqu l-aspetti importanti tal-pjan ta' riorganizzazzjoni. Appelli kontra deċiżjoni tal-qorti li tikkonverti r-riorganizzazzjoni f'falliment jistgħu jiġu ppreżentati mid-debitur, mill-applikant għar-riorganizzazzjoni, mill-prattikant fl-insolvenza jew mill-kumitat tal-kredituri. Meta l-qorti tal-insolvenza tiddeċiedi li tikkonverti r-riorganizzazzjoni f'falliment, l-effetti assoċjati ma' dikjarazzjoni ta' falliment jiġu stabbiliti sakemm il-qorti tal-insolvenza, fid-deċiżjoni tagħha, ma tistipulax kundizzjonijiet differenti għal din il-konverżjoni.

Għeluq tal-proċedimenti ta' ħelsien mid-dejn

Il-ħelsien mid-dejn jintemm bid-deċiżjoni tal-qorti tal-insolvenza jew li tirrikonoxxi l-implimentazzjoni tal-ħelsien mid-dejn jew inkella n-nuqqas ta' implimentazzjoni tiegħu. Id-debitur, il-prattikant fl-insolvenza jew il-kredituri jistgħu jappellaw minn dik id-deċiżjoni. Jekk il-qorti tal-insolvenza tadotta deċiżjoni li tirrikonoxxi l-implimentazzjoni tal-ħelsien mid-dejn, u d-debitur jikkonforma mal-obbligi kollha skont il-metodu approvat tal-ħelsien mid-dejn b'mod adegwat u f'waqtu, il-qorti tal-insolvenza toħroġ ordni minbarra dik id-deċiżjoni li teħles lid-debitur mill-ħlas tal-pretensjonijiet inklużi fil-proċediment ta' ħelsien mid-dejn sal-punt li fih ikunu għadhom ma ġewx issodisfati. Tali ordni ma tapplikax għal pretensjonijiet li jirriżultaw wara d-deċiżjoni dwar l-insolvenza.

Il-ħelsien mid-dejn jista' jintemm ukoll minn qorti li tħassar il-ħelsien mid-dejn li kien ġie approvat. Dik il-qorti mbagħad tiddeċiedi wkoll li jew tindirizza l-insolvenza tad-debitur permezz ta' proċedimenti ta' falliment jew li twaqqaf il-proċedimenti tal-insolvenza jekk id-debitur ikun kompletament insolventi. Il-proċedimenti ta' ħelsien mid-dejn approvat jistgħu jiġu mħassra wkoll f'każijiet stipulati mil-liġi, b'mod partikolari meta d-debitur jonqos milli jikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mid-dejn.

15 X'inhuma d-drittijiet tal-kredituri wara l-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Fi proċedimenti ta' falliment li jikkonċernaw l-assi ta' persuna fiżika (fi kwalunkwe ħin wara l-għeluq tal-proċedimenti ta' falliment) jew persuna ġuridika (sad-dissoluzzjoni tagħha meta titfassar minn reġistru pubbliku), wara li jingħalqu l-proċedimenti, tista' ssir ordni ta' qbid jew ta' eżekuzzjoni relatata ma' pretensjoni li tkun ġiet stabbilita u ma tkunx ġiet miċħuda mid-debitur, u li ma tkunx ġiet issodisfata matul il-proċedimenti ta' falliment. Meta jiġi ppreżentat rikors għal eżekuzzjoni, ikun jeħtieġ li jiġu ppreżentati biss skeda ta' validazzjoni u rapport dwar il-validazzjoni tal-pretensjoni inkwistjoni fil-proċedimenti ta' falliment. Dan id-dritt isir preskritt għaxar snin wara l-għeluq tal-proċedimenti ta' falliment, bil-perjodu ta' preskrizzjoni li jibda fid-data effettiva tal-ordni li tagħlaq il-proċedimenti.

F'każijiet ta' riorganizzazzjoni, wara li jidħol fis-seħħ il-pjan ta' riorganizzazzjoni, l-eżekuzzjoni jew il-qbid jistgħu jiġu ordnati jew implimentati kontra d-debitur, biex tiġi rkuprata pretensjoni stipulata fil-pjan ta' riorganizzazzjoni. Madankollu, jekk il-pretensjoni tkun ġiet miċħuda, l-eżekuzzjoni jew il-qbid ikunu possibbli biss jekk id-deċiżjoni tal-qorti tal-insolvenza li tistabbilixxi l-pretensjoni tkun saret finali; din id-deċiżjoni trid tiġi mehmuża mar-rikors.

F'każijiet ta' ħelsien mid-dejn, fi tmiem il-ħelsien mid-dejn u l-ħelsien mill-ħlas tal-pretensjonijiet li jkun fadal, ma jibqax possibbli li wieħed ifittex sodisfazzjon għall-bqija tal-pretensjonijiet tal-kredituri permezz ta' eżekuzzjoni jew ta' qbid. Huwa immaterjali jekk il-kredituri jkunux ġew issodisfati parzjalment fil-proċedimenti ta' ħelsien mid-dejn jew saħansitra jekk ikunux biss irreġistraw il-pretensjoni tagħhom fil-proċedimenti ta' insolvenza.

16 Min għandu jagħmel tajjeb għall-kostijiet u l-ispejjeż involuti fil-proċedimenti ta' insolvenza?

Il-kostijiet - b'mod partikolari t-tariffa u l-ispejjeż fi flus tal-prattikant fl-insolvenza - għandhom jiġu koperti mill-patrimonju, jiġifieri għandhom jiġġarrbu mid-debitur.

Peress li l-patrimonju tal-insolvenza mhux dejjem ikun kbir biżżejjed biex ikopri l-kostijiet, il-qorti tal-insolvenza tista', qabel ma tiddeċiedi dwar petizzjoni ta' insolvenza, tordna lill-petizzjonant tal-insolvenza biex iħallas antiċipju fuq il-kostijiet tal-proċedimenti ta' insolvenza sa skadenza stipulata, fejn dan ikun meħtieġ biex ikopri l-kostijiet tal-proċedimenti u r-riżorsi meħtieġa ma jkunux jistgħu jiġu ggarantiti permezz ta' mezzi oħrajn. Dan japplika anki jekk ikun ċar li d-debitur ma għandux assi. Il-liġi tistabbilixxi limitu massimu għall-ammont tat-tali antiċipi. Jekk ikun hemm diversi petizzjonanti tal-insolvenza, dawn ikunu meħtieġa li jħallsu antiċipju b'mod konġunt u *in solidum*.

Jekk il-patrimonju ma jkunx jista' jkopri l-kostijiet, il-bqija jiġi kopert mill-antiċipju fuq il-kostijiet tal-proċedimenti ta' insolvenza, jiġifieri jiġġarrbu mill-petizzjonant.

Jekk l-antiċipju lanqas ma jkopri l-kostijiet, il-kont jitħallas mill-Istat, iżda sa massimu ta' CZK 50 000 f'remunerazzjoni lill-prattikant fl-insolvenza u CZK 50 000 għall-ispejjeż fi flus tal-prattikant fl-insolvenza.

17 X'inhuma r-regoli li għandhom x'jaqsmu man-nullità, l-annullabbiltà u n-nuqqas ta' eżekutorjetà ta' atti ġuridiċi detrimentali għall-korp ġenerali ta' kredituri?

Atti legali mid-debitur biex jitnaqqsu l-possibiltajiet li l-kredituri jiġu ssodisfati jew biex jiffavorixxi ċerti kredituri u mhux oħrajn mhumiex eżegwibbli. Kwalunkwe omissjoni mid-debitur f'dan ir-rigward hija ttrattata b'ħala att legali wkoll. Hemm tliet kategoriji ta' atti mhux eżegwibbli b'ħal dawn: (a) atti legali mingħajr korrispettiv adegwat; (b) atti legali preferenzjali li jirriżultaw f'sitwazzjoni li fiha kreditur wieħed, għad-detriment ta' kredituri oħrajn, jirċievi sodisfazzjon akbar milli kieku kien jikseb fil-proċedimenti ta' falliment; (c) atti legali li bihom id-debitur jillimita intenzjonalment is-sodisfazzjon ta' kreditur, jekk din l-intenzjoni kienet magħrufa għall-kontroparti jew, fid-dawl ta' ċirkostanzi kollha, din bilfors li kienet taf biha.

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Att dwar l-Insolvenza, in-nuqqas ta' eżegwibbiltà tal-atti legali tad-

debitur, inklużi dawk deskritti mill-Att dwar l-Insolvenza bħala mhux eżegwibbli u li d-debitur ikun eżegwixxa wara li jkun bdew japplikaw l-effetti assoċjati mal-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza, jiġi stabbilit minn sentenza tal-qorti tal-insolvenza fuq rikors ippreżentat mill-prattikant fl-insolvenza biex jipprotesta l-atti legali tad-debitur (rikors biex tiġi revokata tranżazzjoni). Il-prattikant fl-insolvenza jista' jiftaħ rikors biex jirrevoka tranżazzjoni fi żmien sena mid-data meta tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni dwar l-insolvenza. Jekk ma jsirx rikors sa dak it-terminu, jiskadi t-titolu sabiex tiġi rrevokata t-tranżazzjoni. Il-korrispettiv tad-debitur mill-atti legali mhux eżegwibbli jifforma parti mill-patrimonju ladarba s-sentenza li tikkonferma r-rikors għar-revoka ta' tranżazzjoni ssir finali.

In-nuqqas ta' eżegwibbiltà ta' atti legali ma jippreġudikax l-applikabbiltà tiegħu. Madankollu, fi proċedimenti ta' insolvenza, il-korrispettiv tad-debitur minn atti legali mhux eżegwibbli jifforma parti mill-patrimonju. Jekk il-korrispettiv oriġinali tad-debitur minn atti legali mhux eżegwibbli ma jistax jiġi ċedut lill-patrimonju, irid jiġi pprovdut kumpens ekwivalenti.

Il-qorti tal-insolvenza mhijiex marbuta bid-deċiżjoni ta' qorti oħra jew b'konstatazzjoni ta' awtorità oħra, matul il-proċedimenti ta' insolvenza, li atti legali relatat mal-assi jew mal-obbligazzjonijiet tad-debitur huwa null u bla effett, jew b'konstatazzjoni bħal din li toriġina b'xi mod ieħor. Matul il-proċedimenti tal-insolvenza, il-qorti tal-insolvenza biss teżamina n-nullità ta' atti legali bħal dan. Jekk is-sentenza finali mbagħad issib li atti legali relatat mal-assi jew mal-obbligazzjonijiet tad-debitur ikun null u bla effett, il-benefiċċju ekonomiku miksub fil-forma tal-korrispettiv irid jintradd lura lill-patrimonju.

Jekk atti legali relatat mal-assi jew mal-obbligazzjonijiet tad-debitur jinstab li jkun null u bla effett minn sentenza tal-qorti li saret finali wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza, l-atti legali indirizzat mis-sentenza jiġi ttrattat hu wkoll bħala null u bla effett fil-proċedimenti ta' insolvenza.

Regoli speċifiċi dwar ċerti kategoriji ta' pretensjonijiet

Regoli speċifiċi japplikaw għall-kategoriji ta' pretensjonijiet li ġejjin:

- pretensjonijiet kontra l-patrimonju li joriġinaw wara l-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza jew wara d-dikjarazzjoni ta' moratorju;
- pretensjonijiet kontra l-patrimonju li joriġinaw wara d-deċiżjoni dwar l-insolvenza;
- pretensjonijiet ekwivalenti għal pretensjonijiet kontra l-patrimonju;
- pretensjonijiet subordinati;
- pretensjonijiet tal-azzjonisti tad-debitur jew tal-membri li joriġinaw mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-kumpanija jew fil-kooperattiva;
- pretensjonijiet li jkunu esklużi kompletament mis-sodisfazzjon fil-proċedimenti ta' insolvenza.

L-aħħar aġġornament: 22/05/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.